**28 ta' Novembru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Elia Borg

*versus*

Maestro Joseph Camilleri

**Lokazzjoni — "Grocer" — Bejgħ ta' ħaxix u frott.**

*Meta fond jinkera sabiex jintuża esklusivament bħala "grocer" l-inkwilin ma jistax, mingħajr il-kunsens tas-sid, ibiegħ fih ħaxix u frott, għaliex il-ħaxix u l-frott fil-fehma popolari huma ritenuti bħala ġeneri distinti, u hija l-eċċezzjoni u mhux ir-regola illi ħanut tal-grocer jinkludi wkoll il-bejgħ ta' ħaxix u frott frisk.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi bi skrittura tal-erbgħa (4) ta' Diċembru, 1950, huwa kera mingħand il-konvenut iż-żewġ ħwienet 60D, 60 E, Triq tal-Karmnu tas-Sliema biex jiftaħ fihom ħanut tal-grocer u billi huwa, kif ġa għamel għal ħames snin wara d-data tal-iskrittura, bi scienza tal-konvenut, irid jerġa' jibda jbiegħ fl-imsemmijin ħwienet flimkien mal-groceries, frott u ħaxix, u billi b'ittra uffiċjali tat-tlettax (13) ta' Novembru, 1961 (Dok. B) il-konvenut oppona ruħu għall-bejgħ ta' frott u ħaxix, u billi huwa għandu *interess li jiġi dikjarat li fil-bejgħ tal-groceries* huwa kompriż dak ta' frott u ħaxix u barra minn hekk il-konvenut kien ukoll irrikonoxxa dan l-użu kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, — talab illi jiġi dikjarat u deċiż (1) illi l-konvenut kien irrikonoxxa wara l-kitba illi l-attur jista' juża wkoll il-ħanut għall-bejgħ ta' ħaxix u frott, u barra minn hekk, (2) illi jiġi dikjarat u deċiż illi fil-bejgħ ta' groceries għandu jiġi kompriż dak ta' frott u ħaxix;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċipixxa illi l-attur ħa l-fondi in dokazzjoni bil-patt illi jużahom biss bħala grocer, u b'ebda mod ieħor u li wara xi ħames snin ipprova li jġieb il-ħaxix u l-frott però huwa l-konvenut oppona ruħu u l-attur fetaħ ħanut tal-ħaxix u frott ftit 'il bogħod mill-ħwienet lilu mikrija mill-eċċipjenti.

Omissis;

Tikkunsidra fuq l-ewwel kwistjoni prospettata mill-attur li tagħmel meritu lit-tieni domanda, illi għalkemm il-kelma "grocer" hija ġenerika u tirriferixxi għall-bejgħ ta' oġġetti tal-ikel, però ma tikkomprendix oġġetti tal-ikel fl-istat naturali jew frisq ossija mhux preservat u tirriferixxi għal dak li jgħidulu ħanut tal-"merċa". Il-ħut u l-laħam frisk għalkemm oġġetti tal-ikel ma jinbiegħux mill-grocer u jagħmlu oġġetti tan-negozju tal-"*butcher*" *jew tal-*"*fishmonger*". *Hekk ukoll*

il-frott u ħaxix fl-istat naturali u frisk tagħhom jaqgħu taħt in-negozju tal-"green-grocer". A parti illi huwa magħruf u hija ħaġa pubblika illi hemm bżonn liċenzja separata minn dik tal-"grocer" għall-bejgħ tal-ħaxix u frott frisk, bħal ma hemm bżonn għall-bejgħ ta' ħut jew laħam frisk, jibqa' dejjem illi fil-fehma popolari, il-ħaxix u frott huma ritenuti bħala ġeneri distinti, u li hija l-eċċezzjoni, għalkemm f'dan l-aħħar snin mhux tant rari bħal qabel, u mhux ir-regola illi ħanut tal-grocer jinkludi wkoll il-bejgħ ta' ħaxix u frott frisk.

Omissis;